

**Brussell, 24 ta' Mejju 2022
(OR. en)**

**8685/1/22
REV 1**

**COSI 113
JAIEX 41
CORDROGUE 40
CT 74
COPS 185
CRIMORG 58
IXIM 106
ENFOPOL 228
ENFOCUSTOM 72
CYBER 188
JAI 571**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	11413/20
Suġġett:	Abbozz ta' Rapport lill-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali dwar il-proċedimenti tal-Kumitat Permanenti għall-kooperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna għall-perjodu Lulju 2020 - Diċembru 2021

F'konformità mal-Artikolu 71 TFUE u l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/131/UE dwar l-istabbiliment ta' Kumitat Permanenti għall-kooperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna (COSI), il-Kunsill għandu jżomm lill-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali infurmati bil-proċedimenti tal-Kumitat Permanenti.

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż rapport lill-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali dwar il-proċedimenti tal-COSI għall-perjodu Lulju 2020 - Diċembru 2021.

**Rapport lill-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali dwar il-proċedimenti tal-Kumitat
Permanenti għall-kooperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna (COSI) għall-perjodu
Lulju 2020 sa Diċembru 2021**

Werrej

1. EXECUTIVE SUMMARY	4
2. HORIZONTAL MATTERS	9
a. EU Security Union Strategy & Internal Security and European Police Partnership	9
b. COVID-19 pandemic implications	10
c. Technological developments and internal security	11
3. COUNTER-TERRORISM	12
a. EU's response, priorities and way forward	12
b. EU CT Threat assessments	13
c. EU CT Action Plan on Afghanistan	13
4. EMPACT (European Multi-disciplinary Platform Against Crime Threats)	15
5. ORGANISED AND SERIOUS INTERNATIONAL CRIME	17
a. EU Strategy on Organised Crime 2021-2025	17
b. Anti-money laundering - internal security implications	17
c. EU Migrant Smuggling Action Plan - operational aspects	18
6. DIGITAL	19
a. EU Innovation Hub for Internal Security	19
b. AI20	
c. Encryption	21
d. LEA role for cybersecurity	22

7. INTERNAL - EXTERNAL SECURITY NEXUS	23
a. CSDP - JHA cooperation: Strategic Compass/Civilian CSDP Compact	23
8. ROLE OF COSI SUPPORT GROUP	23
9. CONCLUSIONS.....	24
ANNEX I- ABBREVIATIONS	25
ANNEX II - EMPACT GENERAL FACT SHEET OAPS 2020	27

Dan huwa t-tmien rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 71 TFUE u l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/131/UE dwar l-istabbiliment ta' Kumitat

Permanenti għall-kooperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna (COSI), li jipprevedi li l-Kunsill għandu jżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali infurmati bil-proċedimenti tal-Kumitat Permanenti.

Dan ir-rapport jippreżenta l-attivitajiet tal-COSI matul il-perjodu Lulju 2020 - Diċembru 2021 taħt il-Presidenzi tal-Ġermanja, il-Portugall u s-Slovenja.

1. SOMMARJU EŻEKUTTIV

Taħt it-Triju ta' Presidenzi tal-Ġermanja, il-Portugall u s-Slovenja, il-COSI kompli jissodisfa l-mandat tiegħu biex jiffaċilita, jippromwovi u jsaħħaħ il-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri tal-UE fil-qasam tas-sigurtà interna. F'din il-kapaċità, il-COSI aġixxa bħala korp ta' monitoraġġ, konsulenza u teħid tad-deċiżjonijiet, b'rappreżentanti għolja u esperti mill-Istati Membri kollha tal-UE u, fejn meħtieġ, l-aġenziji rilevanti tal-ĠAI, filwaqt li ħoloq sinerġiji bejn il-pulizija, id-dwana, il-gwardji tal-fruntiera u l-awtoritajiet ġudizzjarji kif ukoll atturi rilevanti oħrajn.

Matul il-perjodu minn Lulju 2020 sa Diċembru 2021, il-COSI ggwida l-iżvilupp u l-progressjoni ta' diversi **temi orizzontali** u ffaċilita riżultati operattivi konkreti. Ir-rwol tal-COSI għandu jiġi enfasizzat b'mod partikolari fir-rigward tad-diskussjonijiet li huma ta' importanza strateġika u orizzontali għall-komunità tas-sigurtà interna, bħall-impatt tal-iżviluppi teknoloġiċi, il-prossimitajiet bejn is-sigurtà interna u esterna u l-aċċess għad-data mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Il-COSI jaħdem bħala punt ta' konverġenza fir-rigward ta' temi li huma indirizzati fis-setturi ta' politika l-oħra, bħas-suq intern, iżda li għandhom konsegwenzi diretti fuq is-sigurtà interna. Il-COSI għandu rwol importanti fl-interfaċċa bejn il-livelli strateġiċi u operattivi biex tiġi żgurata l-koerenza bejn ir-rakkomandazzjonijiet strateġiċi u l-azzjoni operattiva.

Il-Kumitat segwa u ddiskuta l-iżviluppi tal-**Istrateġija l-ġdida tal-Kummissjoni dwar l-Unjoni tas-Sigurtà kif ukoll is-Sigurtà Interna u s-Sħubija Ewropea tal-pulizija**, it-tnejn meqjusa bħala mezz għall-istabbiliment u t-tisħiħ ta' approċċ komuni għax-xenarju tas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea, u fassal Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill f'dan ir-rigward. Dan għandu jinkiseb permezz ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri transfruntiera aktar b'saħħitha, skambju ta' informazzjoni u azzjoni operattiva konġunta msaħħa mmexxija mill-intelligence fost affarijiet oħra. Dawn id-diskussjonijiet bnew fuq il-ħidma li saret mit-Triju ta' Presidenzi preċedenti (ir-Rumanija, il-Finlandja, il-Kroazja) dwar id-direzzjoni futura tas-sigurtà interna fil-COSI. Temi ċentrali b'saħħithom f'dawn id-dibattiti kollha kienu l-kontinwità kemm tal-approċċ strateġiku mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE tal-azzjoni rilevanti kif ukoll l-implimentazzjoni konsistenti tal-miżuri eżistenti u l-ħtieġa ta' aġenda interistituzzjonali koerenti maqbula b'mod konġunt u implimentabbli.

Minn mindu faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19, il-COSI segwa mill-qrib l-impatt li l-pandemija kellha fuq is-sigurtà interna. Id-diskussjonijiet taħt il-Presidenza Ġermaniża kkonċentraw fuq l-għoti ta' għodod u gwida xierqa lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jiġi żgurat l-użu ta' **kanali ta' komunikazzjoni siguri**. L-għan kien li l-atturi jiġu garantiti mod sikur u sigur biex jikkoordinaw matul perjodu li fih il-laqgħat fiżiċi ma kinux possibbli. Id-diskussjoni ssottolinjat ukoll ir-rwol kruċjali tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-indirizzar taċ-ċiberkriminalità.

Il-bidu tal-Presidenza Portugiża ħabat mal-bidu tal-kampanja ġenerali ta' tilqim kontra l-COVID-19 fl-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, il-Kumitat, fil-formazzjoni tal-grupp ta' appoġġ tiegħu, iddiskuta r-rispons u t-tħejjija xierqa bbażati fuq l-intelligence għal **attivitajiet frodulenti marbuta mal-vaċċini kontra l-COVID-19**.

Barra minn hekk, matul il-Presidenza Slovena, il-COSI appoġġa l-ħolqien ta' approċċ Ewropew ikkoordinat għall-**prevenzjoni tal-infiltrazzjoni kriminali fir-rigward tal-fondi għall-irkupru mill-COVID-19**.

L-iżvilupp teknoloġiku jgħib miegħu bidla radikali għas-soċjetà tagħna fis-setturi kollha. Dan jgħodd ukoll għas-sistemi tal-ġustizzja kriminali u għall-infurzar tal-liġi. Bħala konsegwenza, l-isfidi li qed tiffaċċa s-sigurtà interna f'dinja li hija progressivament aktar teknoloġikament u diġitalment abilitata huma tema trasversali fuq l-aġenda tal-COSI. F'dan il-kuntest, huwa ta' importanza partikolari li l-komunitajiet tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni jkunu f'pożizzjoni li jikkontribwixxu għad-dibattitu li għaddej sabiex ikunu jistgħu jitqiesu l-interessi pubbliċi rilevanti kollha.

Iż-żamma tal-informazzjoni rilevanti u l-aċċess għaliha, l-analiżi tagħha u l-azzjoni fuqha fl-ambitu tas-setgħat legalment preskritti huma parti mill-qalba tal-ħidma tal-infurzar tal-liġi. Huwa ċentrali biex tiġi żgurata l-kapaċità tas-sistemi tal-ġustizzja kriminali u tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi biex jaċċessaw id-data f'ambjent diġitali, kif diġà jagħmlu offline, inkluż data ta' komunikazzjoni kriptata u evidenza elettronika. Dan huwa aggravat mill-isfruttament bla limitu tal-iżviluppi teknoloġiċi fid-dinja kriminali. Il-COSI enfasisza li l-iżviluppi ġenerali tal-politika diġitali jridu jkunu ta' benefiċċju wkoll għas-settur tal-ĠAI, filwaqt li jiġu indirizzati u minimizzati r-riskji assoċjati. Dan, min-naħa tiegħu, jeħtieġ livell għoli ta' koordinazzjoni f'firxa wiesgħa ta' politiki bħas-suq intern, it-telekomunikazzjoni, il-kriptaġġ u l-protezzjoni tad-data.

Il-kwistjonijiet relatati mal-iżviluppi teknoloġiċi bħaċ-ċibersigurtà, iċ-ċiberkriminalità, u l-intelliġenza artifiċjali saru dejjem aktar prominenti, inkluż minħabba t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, hekk kif l-attivitajiet kriminali daħlu saħansitra aktar fid-dinja online.

Il-COSI laqa' l-istabbiliment taċ-**Ċentru ta' Innovazzjoni tal-UE dwar is-Sigurtà Interna** bħala pjattaforma ta' innovazzjoni konġunta transsettorjali u b'diversi aġenziji, biex jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni għat-titjib u t-tisħiħ tas-sigurtà interna tal-Unjoni. Ir-rwol taċ-Ċentru huwa li jaġixxi bħala pjattaforma li tappoġġa lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fl-identifikazzjoni u t-twettiq ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-isfidi futuri permezz ta' għodod imfassla apposta u kompatibbli mad-drittijiet fundamentali.

Id-diskussjonijiet dwar l-**Intelliġenza Artifiċjali (IA)** ikkaratterizzaw it-Triju ta' Presidenzi kollu peress li l-Kumitat iffoka kemm fuq l-opportunitajiet għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jirriżultaw mill-użu tas-sistemi tal-IA kif ukoll fuq l-implikazzjonijiet tal-kategorizzazzjoni tal-għodod rilevanti għall-infurzar tal-liġi bħala applikazzjonijiet tal-IA b'riskju għoli u l-projbizzjoni ta' ċerti użi (ir-rikonoxximent tal-wiċċ f'postijiet pubbliċi għal finijiet ta' infurzar tal-liġi). Il-COSI enfasizza l-ħtieġa li l-vuċi tal-komunitajiet tal-ĠAI tinstema' fin-negożjati tal-Att dwar l-IA li jsiru fil-grupp ta' ħidma rilevanti (Telecom) u l-importanza tal-integrazzjoni ta' konsiderazzjonijiet ta' sigurtà interna fil-qafas regolatorju ġenerali.

Il-COSI ddiskuta wkoll l-isfidi u l-opportunitajiet għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jirriżultaw mill-użu tal-**kriptaġġ**. Tabilħaqq, il-ħtieġa li jinstab bilanċ bejn id-dritt għall-privatezza u l-komunikazzjoni sigura online, u l-ħtieġa li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess legali għad-data għall-fini ta' investigazzjoni kriminali kienu fiċ-ċentru tad-diskussjonijiet tal-Kumitat matul it-tliet Presidenzi.

Il-COSI kkontribwixxa għall-ħidma fuq Riżoluzzjoni dwar il-kriptaġġ adottata mill-Kunsill f'Diċembri 2020. Minbarra l-ħtieġa li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn il-privatezza online u l-ħtiġijiet tal-infurzar tal-liġi, għandu jiġi enfasizzat ukoll li ma hemm l-ebda soluzzjoni predeterminata disponibbli u li ma tista' tintuża l-ebda triq qasira mil-lat teknoloġiku biex jinkiseb dan. Minflok, jenħtieġ djalogu proattiv mal-industrija, li jinvolvi wkoll lir-riċerkaturi u d-dinja akkademika, biex jiġu identifikati, żviluppati u evalwati soluzzjonijiet li huma legalment sostenibbli, teknikament fattibbli u li jistgħu jgħinu biex jintlaħaq dan il-bilanċ kruċjali. Fuq talba tal-COSI, iċ-Ċentru ta' Innovazzjoni tal-UE huwa involut b'mod attiv fl-appoġġ għal din il-ħidma.

Il-Kumitat saħaq ukoll fuq ir-rwol rilevanti tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fiċ-**ċibersigurtà** u fil-
ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, filwaqt li enfasizza l-ħtieġa li jinġiebu flimkien iż-żewġ linji ta'
ħidma sabiex jinholq approċċ integrat u aktar koordinat biex jiġi miġġieled it-theddid rilevanti.

Il-ġlieda kontra t-terroriżmu baqgħet prijorità stabbilita fuq l-aġenda tal-COSI. Minbarra l-
Valutazzjonijiet tat-Theddid b'rabta mal-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, ingħatat attenzjoni speċifika
lill-iżviluppi li jikkonċernaw il-**ġellieda terroristi barranin**, inkluż dawk li jirritornaw, **il-kontenut
terroristiku online u l-persuni meqjusa bħala theddida terroristika jew estremista vjolenti -
"Gefährder"**. Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, l-Istati Membri żviluppaw fehim kondiviż u kriterji
indikattivi komuni għall-eżami ta' informazzjoni dwar tali persuni. Il-COSI approva l-proċess għad-
dħul ta' informazzjoni dwar ġellieda terroristi barranin suspettati, li tasal minn pajjiżi terzi fdati, fis-
Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), li jippermetti fehim aħjar tal-possibbiltajiet eżistenti
skont il-leġiżlazzjoni tal-UE u dik nazzjonali. Il-Balkani tal-Punent kienu taħt il-lenti matul il-
Presidenza Slovena hekk kif indirizzat kwistjonijiet relatati mar-rabta bejn is-sigurtà interna u dik
esterna flimkien mal-COTER. Wara t-teħid tal-poter mit-Taliban, il-COSI evalwa s-sitwazzjoni fl-
Afganistan u f'Settembru 2021 laqa' l-**Pjan ta' Azzjoni għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu għall-
Afganistan** biex jiffaċċa l-impatt kumulattiv li s-sitwazzjoni fl-Afganistan jista' jkollha fuq is-
sigurtà interna tal-Unjoni.

Il-COSI kompli jeżerċita r-rwol ċentrali tiegħu fit-tmexxija tal-**EMPACT (Pjattaforma
Multidixxiplinari Ewropea kontra t-Theddid Kriminali)**, li saret strument permanenti għall-
ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali serja u organizzata wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Marzu
2021. Kif stipulat fit-Termini ta' Referenza tal-EMPACT, il-COSI, assistit mill-Grupp ta' Appoġġ
tiegħu, kompli jevalwa l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali, bil-monitoraġġ
tal-parteeipazzjoni tal-Istati Membri, kif ukoll ta' atturi rilevanti oħra sabiex tiġi żgurata l-
implimentazzjoni effiċjenti tal-azzjonijiet.

Matul il-perjodu ta' rapportar, il-Kumitat evalwa r-riżultati tal-**evalwazzjoni indipendenti** mwettqa
fuq iċ-ċiklu tal-EMPACT 2018-2021 li tindika r-rilevanza, l-effettività, l-effikaċja u l-koerenza ta'
dan l-istrument.

Il-COSI ħadem għall-identifikazzjoni tal-**prijoritajiet il-ġodda tal-UE dwar il-kriminalità għaċ-
ċiklu tal-EMPACT 2022-2025 li jmiss** abbażi tal-Valutazzjoni mill-UE tat-Theddid mill-
Kriminalità Serja u Organizzata għall-2021. Il-prijoritajiet b'rabta mal-kriminalità ġew adottati mill-
Kunsill f'Mejju 2021.

Saret enfasi fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ il-viżibbiltà tal-EMPACT sabiex jiġu enfasizzati r-risultati operattivi sodi miksuba fil-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja. Fid-dawl ta' dan, ġiet żviluppata **Strateġija ta' Komunikazzjoni Konġunta tal-EMPACT** u ġie stabbilit network ta' komunikaturi EMPACT biex tittejjeb il-viżibbiltà tal-EMPACT fit-tul.

Il-COSI laqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-**Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata 2021-2025** bħala mezz biex tingħata spinta lill-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja.

Wara d-diskussjoni li bdiet matul it-Triju preċedenti, it-Triju Ġermaniż-Portugiż-Sloven ħadem biex isaħħaħ l-investigazzjonijiet finanzjarji fl-UE. Il-COSI esprima l-appoġġ tiegħu għall-pakkett leġislattiv il-ġdid dwar **il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu**, li għandu impatt sinifikanti fuq il-komunità tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni.

Peress li n-networks tal-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali wrew li huma reżiljenti fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19 u attivitajiet tal-infurzar tal-liġi li qed jevolvu, il-Kumitat ħeġġeġ it-tisħiħ tal-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-UE u beda d-diskussjoni dwar il-**Pjan ta' Azzjoni kontra l-faċilitazzjoni ta' Immigrazzjoni Illegali (2021 - 2025)**, filwaqt li laqa' approċċ ikkoordinat bejn l-awtoritajiet Ewropej u nazzjonali, kif ukoll l-involvement tal-aġenziji rilevanti tal-ĠAI tal-UE.

Wara l-adozzjoni tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, komplew l-isforzi relatati mal-kooperazzjoni u t-tisħiħ ta' sinerġiji u komplementarjetà bejn l-istrutturi ċivili tal-PSDK u l-atturi tal-ĠAI. Taħt **ir-rabta bejn is-sigurtà interna u dik esterna**, il-COSI u l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) iffokaw fuq l-iżvilupp ta' azzjoni koerenti tal-UE u t-tisħiħ tal-maniġġar ċivili ta' kriżijiet li jindirizzaw il-prijoritajiet tas-sigurtà interna/esterna tal-UE u tal-Istati Membri, inkluż bil-finalizzazzjoni tal-mini-kunċetti fi ħdan il-Patt Ċivili li jinvestigaw il-potenzjal għal tali kooperazzjoni f'għadd ta' oqsma ta' kriminalità u jintegrawhom b'mod effettiv fl-ippjanar tal-missjonijiet. Barra minn hekk, il-COSI ddiskuta l-istabbiliment tal-Boxxla Strateġika li dalwaqt ser tiġi adottata.

2. KWISTJONIJIET ORIZZONTALI

a. L-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà u s-Sigurtà Interna u s-Sħubija Ewropea tal-Pulizija

Il-COSI ddiskuta **L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà**¹ elaborata mill-Kummissjoni li għandha l-għan li tqis u tindirizza s-sigurtà interna fl-Unjoni bħala ekosistema sħiħa. L-Istrateġija kienet akkumpanjata minn pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi dwar id-drogi², it-traffikar tal-armi tan-nar³ u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal⁴. F'Settembru 2020 il-COSI esprima kunsens wiesa' dwar il-pakkett, filwaqt li ssottolinja l-importanza dejjem tikber ta' kwistjonijiet relatati mal-innovazzjoni u t-teknoloġiji fixkiela, ir-rabta bejn is-sigurtà interna u esterna, il-ħtieġa tal-infurzar tal-liġi li jaċċessa b'mod legali l-informazzjoni u l-interoperabbiltà.

Il-COSI ħejja l-Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-**Sigurtà Interna u s-Sħubija Ewropea tal-Pulizija**⁵. Id-delegazzjonijiet laqgħu l-programm tat-Triju ta' Presidenzi (DE-PT-SI) u l-koordinazzjoni rigward inizjattivi ġodda li jsaħħu s-sigurtà interna u relatati mal-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà. Il-konklużjonijiet jistipulaw stadji importanti għall-istabbiliment ta' sħubija Ewropea effettiva għas-sigurtà interna għall-perjodu 2020 – 2025, kif ukoll jindikaw it-triq 'il quddiem fi kwistjonijiet bħat-tisħiħ tal-kooperazzjoni Ewropea fl-infurzar tal-liġi, l-importanza li jkun possibbli l-użu ta' teknoloġiji ġodda mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-ħtieġa li jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi globali (jiġifieri l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu) u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sigurtà, kif ukoll it-tisħiħ tal-kooperazzjoni transfruntiera fl-infurzar tal-liġi.

1 10010/20
2 9945/20 ADD 1
3 10035/20 ADD 1
4 9977/20
5 12862/20

b. Implikazzjonijiet tal-pandemija tal-COVID-19

Mir-rebbiegħa tal-2020, il-COSI poġġa **l-pandemija tal-COVID-19** u l-impatt tagħha fuq is-sigurtà interna fil-qalba tal-aġenda tiegħu.

Il-pandemija tal-COVID-19 gābet magħha bidliet fil-kriminalità serja u organizzata, iżda kellha impatt ukoll fuq l-attivitajiet tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. B'mod partikolari, l-użu **ta' kanali ta' komunikazzjoni siguri** ^{6 7} mil-LEA ġew diskussi mill-COSI taħt it-tmexxija tal-Presidenza Ġermaniża, bħala mezz imbiex ikun hemm kooperazzjoni b'saħħitha biex titħares is-sigurtà interna tal-UE u jingħelbu xi wħud mir-restrizzjonijiet għal-laqgħat operattivi fiżiċi. Il-COSI appoġġa l-iżvilupp ta' soluzzjoni ta' komunikazzjoni sigura mal-UE kollha li fiha l-Europol għandha rwol ta' koordinazzjoni, u laqa' l-istabbiliment ta' pjan direzzjonali dwar l-Estensjoni ta' Komunikazzjonijiet Siguri għall-Infurzar tal-Liġi tal-UE fuq terminu ta' żmien qasir, medju u twil.

Il-pandemija stimulat attivitajiet kriminali u frodulenti relatati ma' oġġetti u servizzi mediċi. Il-COSI SG indirizza l-kwistjoni **tal-frodi tal-vaċċini kontra l-COVID-19**⁸ u prattiki frodulenti oħra relatati mal-forniment ta' tagħmir mediku u protettiv kontra l-virus f'Marzu 2021 taħt il-Presidenza Portugiża. Il-laqgħa wriet li l-frodi fi kwistjonijiet dwar il-vaċċini, tentattivi ta' frodi mmirati lejn uffiċjali tal-gvern, każijiet ta' bejgħ ta' vaċċini foloz jew ċertifikati foloz fuq id-dark web jew serq sempliċi/serq organizzat ta' vaċċini ġenwini kienu fuq skala żgħira. Minkejja li ma titqiesx bħala theddida kbira, il-Kumitat issottolinja l-ħtieġa li jiġu mmonitorjati mill-qrib l-iżviluppi, tittejjeb l-istampa tal-intelligence permezz ta' skambju effettiv ta' informazzjoni bejn l-LEA tal-Istati Membri u mal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE biex tissaħħaħ it-tħejjija għal reazzjonijiet operattivi immedjati kif meħtieġ.

⁶ 10315/20

⁷ 12860/1/20 REV 1

⁸ 7236/21

Il-COSI indirizza l-prevenzjoni tal-infiltrazzjoni kriminali fir-rigward tal-fondi għall-irkupru mill-COVID⁹ bħala kwistjoni ta' prijorità. Il-Kumitat evalwa l-konklużjonijiet li ntlaħqu matul l-ewwel laqgħa ta' Next Generation EU - Forum dwar l-Infurzar tal-Liġi li saret f'Settembru 2021, filwaqt li enfasizza l-prevenzjoni bħala l-għodda biex jiġi żgurat li l-fondi jilhqgħu d-destinazzjoni tagħhom u jilhqgħu l-oġettivi tagħhom. Bi tħejjija għal dibattitu tal-Kunsill dwar dan, il-COSI appoġġa l-istabbiliment ta' approċċ koordinat għall-ġlieda kontra l-frodi fil-fondi għall-irkupru u l-prevenzjoni tagħha, filwaqt li enfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji tal-ĠAI u l-iskambju effettiv ta' informazzjoni bejn l-atturi rilevanti kollha.

c. Żviluppi teknoloġiċi u sigurtà interna

L-iżvilupp teknoloġiku u d-diġitalizzazzjoni iġibu magħhom bidla radikali fis-setturi kollha. Dan jgħodd ukoll għas-sistemi tal-ġustizzja kriminali u għall-infurzar tal-liġi. Il-komunità tal-ĠAI trid tkun f'pożizzjoni li tifhem u tmexxi d-dibattitu dwar il-kwistjonijiet kollha involuti, inkluż dwar proposti leġislattivi li ser ikollhom effett dirett fuq is-settur iżda li huma ttrattati f'setturi oħra, bħall-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u l-proposta dwar l-Att dwar is-Servizzi Diġitali. Dan ġie appoġġat minn skambji fil-Kunsill ĠAI u fora ta' ħidma rilevanti tal-ĠAI. Il-proċessi ta' koordinazzjoni nazzjonali għandhom rwol kruċjali u għandhom jiżguraw li l-konsiderazzjonijiet tas-setturi tas-sigurtà interna jaslu b'mod xieraq għandu l-korpi preparatorji li jmessu n-negozjati.

⁹ 13679/21

3. ĠLIEDA KONTRA T-TERRORIŻMU

Għalkemm fl-2020 u fl-2021 kien hemm tnaqqis fl-għadd u l-impatt ta' attacchi terroristiċi, il-ġlieda kontra t-terroriżmu (CT) baqgħet prijorità għolja fuq l-aġenda tal-COSI, filwaqt li kien meħtieġ approċċ multidixxiplinari biex tiġi indirizzata din it-theddida għas-sigurtà tal-UE. Ingħatat attenzjoni speċifika għall-kriżi li għaddejja fl-Afganistan u l-impatt tagħha fuq is-sigurtà interna tal-UE.

a. Ir-rispons, il-prijoritajiet u t-triq 'il quddiem tal-UE

Taħt it-Triju ta' Presidenzi, il-COSI kompli jipprijoritizza l-ġlieda kontra t-terroriżmu, filwaqt li għamel progress fil-ħidma mibdija mill-presidenzi preċedenti sabiex jagħti orjentazzjoni strateġika lill-kooperazzjoni operattiva rigward il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu fil-livell tal-UE.

Il-COSI approva wkoll il-proċess **għall-evalwazzjoni u possibbilment id-dħul ta' informazzjoni minn pajjiżi terzi dwar Ġellieda Terroristi Barrani (FTFs) suspettati fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)**¹⁰, bl-appoġġ tekniku tal-Europol. Il-proċess volontarju ġie attivat għall-ewwel darba fit-tieni nofs tal-2021 u rriżulta f'għadd ta' FTFs li ddaħħlu fis-SIS. Abbażi tal-ħidma mwettqa fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu, il-Kumitat approva azzjoni ulterjuri proposta għat-titjib tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi dwar **persuni meqjusa bħala theddida terroristika jew estremista vjolenti "Gefährder"**¹¹, sabiex titrawwem azzjoni koordinata u kondiviżjoni effettiva tal-informazzjoni fil-livell Ewropew.

¹⁰ 13037/20

¹¹ 13035/20

b. Valutazzjoni tat-theddid tal-UE fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu

Skont il-proċedura stabbilita¹², kull semestru l-COSI approva r-rakkomandazzjonijiet tal-**Valutazzjoni tat-Theddid tal-UE** fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu¹³¹⁴¹⁵. It-tliet Valutazzjonijiet tat-Theddid jirrakkomandaw il-hteġa li jiġu indirizzati l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu fil-forom kollha tagħhom, meta titqies iż-żieda fil-polarizzazzjoni fis-soċjetà aggravata mill-pandemija tal-COVID-19.

Il-Valutazzjonijiet tat-Theddid tal-Kumitat Kontra t-Terroriżmu irrapportaw żieda fit-theddid mill-estremiżmu vjolenti tal-lemin (VRWE). It-theddida li tirriżulta minn **estremiżmu vjolenti tax-xellug u anarkist** (VLWAE) għadha meqjusa bħala baxxa iżda qed tiżdied. Kemm il-VRWE kif ukoll il-VLWAE jidhru li qed jiżviluppaw fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tagħha, u b'rispons għar-regolamenti tal-gvernijiet biex titrażżan il-pandemija.

c. Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu dwar l-Afganistan

Wara t-teħid tal-kontroll tat-Taliban fl-Afganistan, il-Presidenza Slovena kellha laqgħa straordinarja tal-Kunsill tal-Ministri għall-Affarijiet Interni tal-UE fil-31 ta' Awwissu 2021 biex tiddiskuti l-iżviluppi fil-pajjiż u l-implikazzjoni potenzjali fuq il-protezzjoni internazzjonali, il-migrazzjoni, u s-sigurtà. L-isfida li tirriżulta mill-kriżi tal-Afganistan teħtieġ koordinazzjoni msaħħa bejn is-sigurtà interna u esterna.

¹² 13414/1/17 REV 1

¹³ 12866/20

¹⁴ 8372/21

¹⁵ 13682/21

Matul il-laqgħa tal-COSI-KPS ta' Settembru 2021, id-delegazzjonijiet ħadu nota tas-sitwazzjoni umanitarja u ekonomika kritika fil-pajjiż mogħtija mill-Mibgħut Speċjali tal-UE għall-Afganistan. Fl-istess okkażjoni, il-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (CTC) ippreżenta l-**Pjan ta' Azzjoni Kontra t-Terroriżmu dwar l-Afganistan**¹⁶ żviluppat f'koordinazzjoni mas-servizzi tal-Kummissjoni, is-SEAE, il-Presidenza Slovena u l-aġenziji rilevanti tal-ĠAI tal-UE. Il-Pjan ta' Azzjoni jagħti 23 rakkomandazzjoni għal azzjoni, maqsuma f'erba' oqsma: 1) verifiki tas-sigurtà - il-prevenzjoni tal-infiltrazzjoni; 2) intelligence/tbassir strateġiċi: jiġi evitat li l-Afganistan isir rifuġju sikur għal gruppi terroristiċi; 3) monitoraġġ u kontropropaganda u mobilizzazzjoni; 4) indirizzar tal-kriminalità organizzata bħala sors ta' finanzjament tat-terroriżmu. Il-COSI u l-KPS laqgħu l-Pjan ta' Azzjoni bħala bażi komprensiva għal azzjoni futura, bid-delegazzjonijiet jenfasizzaw l-importanza ta' ħidma ma' atturi internazzjonali, pajjiżi fir-reġjun, u aġenziji tal-ĠAI tal-UE biex jissaħħu x-xenarji ta' intelligence u sigurtà.

Bħala wieħed mill-pilastri tal-Pjan ta' Azzjoni, id-delegazzjonijiet tal-COSI approvaw il-protokoll li jistabbilixxi l-**proċedura għal verifiki tas-sigurtà msaħħa fuq persuni li jaqsmu jew li qasmu l-fruntieri esterni tal-UE wara l-iżviluppi fl-Afganistan**¹⁷.

¹⁶ 12315/21

¹⁷ 13683/21

4. EMPACT (Pjattaforma Multidixiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali)

Il-Pjattaforma Multidixiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT) tindirizza l-aktar theddid importanti kkawżat mill-kriminalità internazzjonali serja u organizzata li jaffettwa lill-UE. L-EMPACT issaħħaħ l-intelligence, il-kooperazzjoni strateġika u operattiva fost l-awtoritajiet nazzjonali, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, u s-sħab internazzjonali. L-EMPACT taħdem f'ċikli ta' erba' snin li jiffukaw fuq il-prijoritajiet komuni tal-UE fil-qasam tal-kriminalità.

L-EMPACT għandha tliet karatteristiċi ewlenin. Hija **mmexxija mill-intelligence** u d-data miġbura hija analizzata biex jiġi vvalutat aħjar it-theddid relatat mal-kriminalità li jippermetti lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jallokaw aħjar ir-riżorsi u jiżviluppaw strateġiji u operazzjonijiet immirati għall-ġlieda kontra l-kriminalità. L-EMPACT hija **multidixiplinari** li tinvolvi mhux biss il-pulizija iżda wkoll id-dwana, il-gwardji tal-fruntiera, servizzi ta' prosekuzzjoni pubblika u fejn rilevanti awtoritajiet oħra, inkluż pereżempju s-settur privat li jista' jkun ta' importanza kbira fil-ġlieda kontra ċerti reati (pereżempju ċ-ċiberkriminalità). It-tielet karatteristika hija li l-EMPACT hija implimentata permezz ta' **approċċ integrali**. L-EMPACT tinkludi azzjonijiet operazzjonali kif ukoll strateġiċi u ma tiffokax biss fuq miżuri ripressivi iżda tiegħu wkoll approċċ preventiv. B'mod ġenerali, huwa approċċ proattiv fil-ġlieda kontra l-kriminalità u dan il-metodu jippermetti lill-EMPACT, bl-assistenza u l-gwida strateġika mill-COSI u l-gwida teknika mill-COSI SG, biex l-oġettivi strateġiċi jissarrfu f'azzjonijiet operazzjonali konkreti. Il-perjodu minn Lulju 2020 sa Diċembru 2021 kien perjodu importanti ħafna għall-EMPACT b'ħafna żviluppi konsegwenzjali li jinvolvu ħidma intensa mit-triju ta' Presidenzi, miksuba minkejja l-isfidi maħluqa mill-COVID-19.

Lejn tmiem kull ċiklu tal-EMPACT, **evalwazzjoni indipendenti** sservi bħala kontribut għaċ-ċiklu li jmiss bir-riżultati mogħtija lid-delegati tal-COSI. F'Ottubru 2020, l-evalwazzjoni indipendenti għall-2018-2021¹⁸ indikat li **l-EMPACT hija rilevanti, effettiva, effiċjenti, koerenti u turi l-valur miżjud tal-UE**. Madankollu, l-istudju ta' evalwazzjoni stabbilixxa **21 rakkomandazzjoni** marbuta ma' xi kwistjonijiet identifikati. Skont diskussjonijiet fil-fond fil-COSI SG, il-Presidenza Ġermaniża abbozzat pjan direzzjonali li jiddeskrivi t-triq 'il quddiem, li jidentifika l-atturi ewlenin u l-kalendarju propost fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet¹⁹.

¹⁸ 11992/20 + ADD 1

¹⁹ 13686/2/20 REV 2

L-objettiv ewlieni tal-Presidenza Portugiża għall-EMPACT kien li tħejji għaċ-ċiklu tal-EMPACT 2022-2025. Dan inkluda l-abbozzar ta' **konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontinwazzjoni permanenti taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja: EMPACT 2022**⁺²⁰ adottat mill-Kunsill ĠAI f'Marzu 2021. Bidliet ewlenin miċ-ċiklu preċedenti inkludew l-istabbiliment tal-EMPACT bħala strument ewlieni **permanenti**.

Il-COSI ħa nota tal-**Valutazzjoni mill-UE tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (EU SOCTA) 2021**²¹ imħejjija mill-Europol u li tistabbilixxi l-iżviluppi attwali u antiċipati tal-kriminalità serja u organizzata. L-EU SOCTA u d-Dokument Konsultattiv ta' Politika²² (abbozzat mill-Presidenza u l-Kummissjoni) ikkontribwixxew għall-**Konklużjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-prijoritajiet tal-UE dwar il-kriminalità għaċ-ċiklu tal-EMPACT 2022-2025**²³ adottati mill-Kunsill f'Mejju. Il-konklużjonijiet jiddeskrivu 10 prijoritajiet tal-UE relatati mal-kriminalità li għandhom jiġu implimentati permezz ta' 15-il pjan ta' azzjoni operazzjonali (OAPs).

Il-Presidenza Slovena kompliet taħdem fuq dettalji tekniċi li rriżultaw mill-konklużjonijiet tal-Kunsill bi tħejji għaċ-ċiklu tal-EMPACT 2022-2025. Konsegwentement ġew nominati muturi u komuturi għall-OAPs. Barra minn hekk, l-OAPs **għall-2022 ġew adottati** u riveduti²⁴.

Il-**Komunikazzjoni dwar l-EMPACT** kienet tema ċentrali fil-perjodu ta' rappurtar. Ġiet żviluppata strateġija ta' komunikazzjoni konġunta tal-EMPACT²⁵ u ġie stabbilit Network ta' komunikaturi tal-EMPACT.

Fl-aħħar nett, il-**finanzjament tal-EMPACT** kompli għaddej matul il-Presidenzi fejn il-ħolqien ta' grupp ta' ħidma ad hoc dwar il-finanzjament tal-EMPACT²⁶ assista lid-delegazzjonijiet fil-ftehim tagħhom dwar il-finanzjament tal-EMPACT għall-2021^{27 28}. L-EMPACT kompliet tiġi mmonitorjata permezz tal-laqgħat tal-koordinaturi nazzjonali tal-EMPACT li ġew segwiti mill-COSI SG u l-COSI.

²⁰ 6481/21
²¹ 6818/21
²² 7232/21
²³ 9184/21
²⁴ 13114/21
²⁵ 13112/2/21 REV 2
²⁶ 11773/20
²⁷ 10372/20
²⁸ 11502/21

5. IL-KRIMINALITÀ INTERNAZZJONALI SERJA U ORGANIZZATA

a. Strateġija tal-UE dwar il-Kriminalità Organizzata 2021-2025

Matul il-laqgħa ta' Mejju 2021, il-Kumitat laqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-**Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata 2021-2025**, l-għanijiet u l-proposti tagħha²⁹.

L-Istrateġija hija mibnija fuq il-ħtieġa li tingħata spinta lill-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, li tiġi pprovduta investigazzjoni effettiva biex tiġi sfrattata l-kriminalità organizzata, li jiġu eliminati l-profitti magħmula mill-kriminalità organizzata (KO) u li tiġi evitata wkoll l-infiltrazzjoni tagħhom fl-ekonomija legali, u biex l-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura li joperaw f'dan il-qasam ikunu adatti għall-era diġitali.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni identifikat l-EMPACT bħala għodda ewlenija għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija u l-COSI ssottolinja r-rilevanza tal-ejenkar tal-ġlieda kontra n-networks kriminali ta' riskju għoli fost il-prijoritajiet tal-EMPACT. Id-delegazzjonijiet appoġġaw il-ħtieġa li jiġi żviluppat rispons b'saħħtu għall-isfidi maħluqa mid-diġitalizzazzjoni għall-attivitajiet ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni.

b. Ġlieda kontra l-ħasil tal-flus - implikazzjonijiet għas-sigurtà interna

B'riżultat ta' dibattiti preċedenti tal-COSI taħt it-Triju preċedenti, f'Ġunju 2020 il-Kunsill adotta sett ta' konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tal-investigazzjonijiet finanzjarji għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata³⁰. Il-Kunsill appella lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-ħidma u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (UIF), biex tikkunsidra li ttejjeb aktar il-qafas legali sabiex jiġu interkonnessi r-reġistri ċentralizzati nazzjonali tal-kontijiet tal-bank, tikkunsidra l-ħtieġa li jittejjeb aktar il-qafas legali għall-assi virtwali jew terġa' tidħol f'diskussjoni mal-Istati Membri rigward il-ħtieġa għal limitazzjoni leġiżlattiva fuq il-pagamenti fi flus kontanti fil-livell tal-UE.

²⁹ 8514/21

³⁰ 8927/20

F'dan il-kuntest, f'Lulju 2021 il-Kummissjoni pproponiet pakkett leġiżlattiv ġdid dwar **il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (AML) u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu (CFT)**.

F'Settembru 2021, il-Kumitat esprima l-appoġġ tiegħu għall-pakkett li jirrifletti ħafna mill-kwistjonijiet misħuqa fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq. L-istabbiliment ta' Awtorità AML bil-kompitu li tippromwovi l-koordinazzjoni fost l-UIF, tappoġġa l-UIF fit-titjib tal-kapaċitajiet analitiċi tagħhom, u tagħmel l-intelligence finanzjarja sors ewlieni għall-aġenziji tal-infurzar tal-liġi rċieva appoġġ wiesa'. Id-delegazzjonijiet laqgħu l-proposta dwar regoli aktar stretti li jikkonċernaw kryptoassi/assi virtwali sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà u jiġu pprojbti kartieri anonimi tal-kryptoassi³¹.

c. Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-Traffikar tal-Migranti - aspetti operazzjonali

F'Novembru 2021, il-COSI ddiskuta l-**Pjan ta' Azzjoni l-ġdid kontra t-Traffikar tal-Migranti (2021-2025)**³² ippreżentat mill-Kummissjoni. In-networks ta' faċilitazzjoni tal-migrazzjoni illegali wrew li huma adattabbli ħafna għall-attività li qed tevolvi tal-infurzar tal-liġi, ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar matul il-pandemija tal-COVID-19, u l-bidliet loġistiċi u ambjentali. Id-delegazzjonijiet talbu protezzjoni msaħħa tal-fruntieri esterni tal-UE billi jiġu stabbiliti standards ta' azzjoni komuni, filwaqt li qiesu wkoll l-isfidi li għadhom kif tqajmu tal-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni minn atturi statali filwaqt li enfasizzaw il-ħtieġa li tiġi evitata tali sitwazzjoni u li jiġu żviluppati protokollu għar-reazzjoni. Hekk kif in-networks tal-faċilitazzjoni tal-migrazzjoni illegali jibbenefikaw mill-użu ta' mezzi ta' komunikazzjoni kriptati, il-media soċjali u servizzi u għodod diġitali oħra, il-COSI ħeġġeġ l-użu msaħħa tad-diġitalizzazzjoni biex jiġu miġġielda dawn il-fenomeni permezz ta' involviment sistematiku tal-Europol, iċ-Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti (EMSC), iċ-Ċentru tal-Innovazzjoni tal-UE u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA). Barra minn hekk, id-delegazzjonijiet talbu approċċ olistiku fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali peress li madwar 50 % tan-networks involuti huma polikriminali³³.

³¹ 11718/21

³² 12761/21

³³ 13678/21

6. SETTUR DIĠITALI

Il-pandemija tal-COVID-19 ġiegħlet l-attivitajiet jitmexxew online aktar minn qatt qabel. Il-gruppi kriminali approfittaw ruħhom minn din is-sitwazzjoni billi taw spinta lill-attivitajiet tagħhom fis-swieq illegali. Iċ-ċiberkriminalità, bħall-frodi online jew id-disseminazzjoni ta' kontenut ta' ħsara, iċ-ċibersigurtà u l-Intelliġenza Artifiċjali (IA) saru kwistjonijiet ta' importanza prominenti. Suġġetti relatati mal-IA, il-kriptaġġ u ċ-ċibersigurtà ġew diskussi diversi drabi taħt dan it-Triju ta' Presidenzi.

Matul dan it-Triju ta' Presidenzi, ġie msawwar u stabbilit iċ-Ċentru tal-Innovazzjoni tal-UE dwar is-Sigurtà Interna.

a. Ċentru tal-Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna

B'segwitu għall-ħidma li saret matul it-Triju ta' Presidenzi preċedenti, il-COSI kompla jsegwi l-iżviluppi relatati mal-istabbiliment taċ-**Ċentru tal-Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna**. Iċ-Ċentru huwa mistenni li jaġixxi bħala pjattaforma transsettorjali konġunta tal-UE li għandha l-għan li tiżgura l-koordinazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn l-atturi kollha tal-UE u dawk nazzjonali fil-qasam tas-sigurtà interna³⁴.

Matul il-laqgħa ta' Frar 2021, il-COSI ħa kont tal-aġġornamenti ppreżentati mill-Europol dwar il-ħidma tat-Tim taċ-Ċentru prinċipalment abbażi tal-implimentazzjoni tal-erba' kompiti għall-2021 li l-Kumitat diġà kien identifika fi Frar 2020³⁵. Id-delegazzjonijiet esprimew ukoll appoġġ għall-approċċ deskritt fid-dokument imħejji mill-Presidenza Portugiża li, fost l-oħrajn, jistieden lill-Istati Membri biex ikomplu u jsaħħu aktar l-appoġġ tagħhom għaċ-Ċentru u jinkariga lill-COSI biex jiddiskuti l-governanza taċ-Ċentru³⁶.

L-istruttura tal-**Grupp ta' Tmexxija** taċ-Ċentru tal-Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna ġiet ikkonfermata mill-COSI f'Novembru 2021³⁷ f'konformità mar-regoli approvati f'Ġunju 2021³⁸. Il-Grupp ta' Tmexxija mistenni japprova l-prijoritajiet taċ-Ċentru, li għandhom jiġu adottati kull erba' snin u rieżaminati kull sentejn. Abbażi tal-prijoritajiet, il-Grupp ta' Tmexxija ser japprova pjan ta' implimentazzjoni pluriennali li jiddeskrivi l-attivitajiet/il-proġetti konkreti taċ-Ċentru.

³⁴ 12859/20

³⁵ 5905/21

³⁶ 5906/21

³⁷ 13684/21

³⁸ 8517/3/21 REV 3

b. IA

Il-COSI ddiskuta l-**opportunitajiet tal-Intelliġenza Artifiċjali għas-sigurtà**³⁹ fil-vidjokonferenza informali fit-13 ta' Lulju 2020 u qabel dwar is-sinifikat partikolari tagħha għall-infurzar tal-liġi madwar l-UE. L-użu tas-sistemi tal-IA jista' potenzjalment jiffaċilita l-ħidma tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, filwaqt li jappoġġa u jikkontribwixxi għall-investigazzjonijiet, iżda ġew issottolinjati wkoll l-isfidi li dawn l-għodod jgħolqu speċjalment fir-rigward tad-drittijiet fundamentali. Il-Kumitat saħaq fuq il-hteġa li tiġi stabbilita l-fiduċja fl-għodod tal-IA, u identifika l-governanza u s-salvagwardji xierqa bħala miżuri għal dan il-għan. Il-Presidenza Ġermaniża ħeġġet lid-delegazzjonijiet biex jiżviluppaw approċċ komuni għall-użu tal-IA mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi madwar l-UE u biex jadottaw approċċ dinamiku fir-rigward tal-ittestjar u r-regolamentazzjoni.

Il-COSI beda diskussjoni ffukata fuq l-implikazzjonijiet tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, speċjalment fir-rigward tal-limitazzjonijiet fuq l-użu tal-identifikazzjoni bijometrika "f'linja reali" għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi u l-applikazzjonijiet tal-IA elenkati bħala ta' riskju għoli⁴⁰. Wara talba għal kjarifika mill-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni dwar l-impatt tar-regolament propost fuq l-awtoritajiet u l-attivitajiet tal-infurzar tal-liġi, il-Presidenza Slovena organizzat sessjoni ta' ħidma online ta' ġurnata sħiħa biex tindirizza t-tħassib li kien fadal tal-komunitajiet tal-infurzar tal-liġi u tas-sigurtà interna tal-Istati Membri rigward ir-Regolament propost. Matul il-laqgħa tal-COSI ta' Novembru 2021, il-kopresident tal-grupp ta' ħidma TELECOM irrikonoxxa l-fajl bħala orizzontali u transsettorjali, filwaqt li d-delegazzjonijiet qajmu tħassib dwar l-influwenza profonda tal-proposta fuq is-settur tal-ĠAI/tal-infurzar tal-liġi filwaqt li din tiġi ttrattata f'settur ieħor.

³⁹ 10726/20

⁴⁰ 8515/21

c. Kriptaġġ

Il-kriptaġġ huwa meqjus bħala karatteristika essenzjali tad-dinja diġitali. Il-ħtieġa li jinstab bilanċ bejn l-għoti ta' mezzi siguri ta' komunikazzjoni u drittijiet ta' privatezza, u l-ħtieġa li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji jkollhom aċċess legali għad-data għall-fini ta' investigazzjoni kriminali, baqgħet prijorità fl-aġenda tal-COSI matul it-Triju ta' Presidenzi.

Bi tħejjija għad-dibattitu tal-Kunsill f'Diċembru 2020, il-COSI ħa kont tas-sitwazzjoni attwali dwar il-kriptaġġ u t-triq 'il quddiem b'kont meħud tad-dokumenti pprovduti mill-EU CTC⁴¹ u s-servizzi tal-Kummissjoni⁴². Il-Kumitat qies il-kriptaġġ bħala għodda fundamentali biex jiġu żgurati l-privatezza, il-kunfidenzjalità, l-integrità tad-data u d-disponibbiltà tal-komunikazzjonijiet u tad-data personali, iżda fl-istess ħin issottolinja l-potenzjal għoli għall-isfruttament tagħha għal skopijiet kriminali. Din id-duplikazzjoni toħloq sfidi għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji peress li l-kriptaġġ jagħmel l-aċċess għall-kontenut tad-data u tal-komunikazzjoni u l-analiżi tagħhom estremament diffiċli jew prattikament impossibbli. Il-COSI ddikjara li ż-żamma tal-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess legali għad-data rilevanti għal finijiet definiti b'mod ċar tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata u t-terroriżmu, jeħtieġ li ma tipperikolax ir-rispett tad-drittijiet fundamentali (jiġifieri d-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali). Il-Kumitat enfasizza li l-azzjoni tal-UE trid tirrispetta l-prinċipju tas-**sigurtà permezz tal-kriptaġġ u s-sigurtà minkejja l-kriptaġġ**⁴³.

Kemm il-Kunsill kif ukoll il-Kummissjoni rrikonoxxew il-ħtieġa li jiġi żviluppat qafas regolatorju għall-UE kollha biex jiġi żgurat bilanċ bejn l-aċċess legali għal informazzjoni kriptata u l-effettività tal-kriptaġġ biex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali. Matul il-laqgħa ta' Novembru 2021, il-Kumitat issottolinja r-rwol ċentrali li għandu jkollu fid-diskussjoni dwar it-triq 'il quddiem dwar il-kriptaġġ, filwaqt li fakkar li l-iżvilupp teknoloġiku dwar dan is-suġġett ma jistax jirrappreżenta impediment għall-attivitajiet tal-infurzar tal-liġi.

⁴¹ 7675/20

⁴² 10730/20

⁴³ 13084/1/20 REV 1

d. Ir-rwol tal-LEA għaċ-ċibersigurtà

Iċ-ċibersigurtà hija definita bħala l-protezzjoni tan-networks, kemm tal-gvern jew le, minn attakki malizzjużi u theddid ċibernetiku għas-salvagwardja tal-informazzjoni kritika. Iċ-ċiberkriminalità hija meqjusa bħala azzjonijiet minn kriminali li jippruvaw jisfruttaw id-dgħufijiet relatati mal-bniedem jew mas-sigurtà fiċ-ċiberspazju biex jinsterqu flus jew data. **L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għandhom rwol kruċjali fiċ-ċibersigurtà** u fl-investigazzjoni taċ-ċiberkriminalità, iżda wkoll fil-ġlieda kontra l-inċidenti ċibernetiċi u fil-prevenzjoni tagħhom⁴⁴. Il-COSI saħaq fuq il-ħtiġijiet u l-approċċi mill-perspettivi taċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberkriminalità jistgħu jgħibu liż-żewġ komunitajiet rispettivi f'pożizzjonijiet konfliġġenti, filwaqt li jappoġġa l-ħolqien ta' azzjoni koordinata biex jiġu massimizzati r-reżiljenza u l-kapaċitajiet ta' rispons għal kwalunkwe inċident/theddida ċibernetika.

Id-delegazzjonijiet appellaw għall-istabbiliment ta' qafas regolatorju ċar b'attenzjoni speċjali għall-attivitajiet tal-infurzar tal-liġi, il-kriptaġġ u l-aċċess għad-data WHOIS li jiżguraw ir-rispett sħiħ tal-privatezza u d-drittijiet fundamentali.

⁴⁴ 11719/21

7. RABTA BEJN IS-SIGURTÀ INTERNA U DIK ESTERNA

a. Kooperazzjoni bejn il-PSDK u l-ĠAI: Boxxla Strateġika/Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK

F'Settembru 2021, il-COSI u l-KPS iddiskutew is-sitwazzjoni attwali tal-**kooperazzjoni bejn il-PSDK u l-ĠAI** sabiex ikun hemm azzjoni tal-UE aktar koerenti u biex jissaħħaħ l-immaniġġar ċivili ta' kriżijiet meta jiġu indirizzati l-prijoritajiet tas-sigurtà interna/esterna tal-UE u tal-Istati Membri. Id-delegazzjonijiet iddiskutew il-promozzjoni ta' tali kooperazzjoni permezz ta' attivitajiet speċifiċi li għandhom l-għan li jlaqqgħu flimkien l-amministrazzjonijiet u l-aġenziji nazzjonali u Ewropej li jittrattaw kwistjonijiet tal-PSDK u tal-ĠAI⁴⁵, kif imsemmi fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK⁴⁶.

F'Lulju u Diċembru 2021, saru żewġ sessjonijiet ta' ħidma tematiċi dwar il-kooperazzjoni bejn il-PSDK u l-ĠAI fi Brussell. Is-sessjoni ta' ħidma ta' Lulju saħqet fuq il-ħtieġa għal aktar mandati operazzjonali għall-missjonijiet tal-PSDK, għal koordinazzjoni istituzzjonali regolari bejn il-COSI/KPS, COSI SG/CivCom, u għal żieda fl-għadd ta' pożizzjonijiet għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi fi ħdan il-missjonijiet. Is-sessjoni ta' ħidma ta' Diċembru rat il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-aġenziji tal-ĠAI biex jiskambjaw fehmiet, prattiki tajba u sfidi attwali dwar it-trawwim tal-kooperazzjoni mill-perspettiva tal-Istati Membri.

Id-delegazzjonijiet iddiskutew ukoll is-sitwazzjoni attwali dwar il-Boxxla Strateġika, li ġiet adottata f'Marzu 2022.

8. IR-RWOL TAL-GRUPP TA' APPOĠĠ TAL-COSI

Il-COSI SG kompla jiffaċilita u jappoġġa l-ħidma tal-COSI, partikolarment fil-qafas ta' Ċiklu ta' Politika tal-UE/EMPACT. Huwa jħejji d-diskussjonijiet għall-COSI, jew billi jikkonkludi ċerti punti li jistgħu jiġu ttrattati fil-livell tal-COSI SG inkella billi jissimplifika d-diskussjonijiet għall-COSI. Kwistjonijiet li jeħtieġu gwida ulterjuri mill-COSI jew kwistjonijiet ta' natura strateġika jiġu ppreżentati lill-COSI għal diskussjoni.⁴⁷

⁴⁵ WK 10909/21 INIT

⁴⁶ 13571/20

⁴⁷ 8900/17

9. KONKLUŻJONIJIET

Matul il-perjodu ta' rappurtar, il-COSI baqa' jimpenja ruħu fir-rwol ċentrali tiegħu li jiżgura li l-kooperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna tiġi koordinata, promossa u msaħħa fi ħdan l-Unjoni. Il-COSI kompli jaġixxi bħala korp ta' monitoraġġ, konsulenza u teħid ta' deċiżjonijiet, u ħoloq sinerġiji bejn il-pulizija, id-dwana, il-gwardji tal-fruntieri u l-awtoritajiet ġudizzjarji kif ukoll atturi rilevanti oħra. Huwa indirizza ż-żewġ temi orizzontali, li r-rwol tagħhom ġie enfasizzat aktar matul il-pandemija tal-COVID-19 u permezz tal-mod li bih l-iżvilupp teknoloġiku jinbidel b'mod kostanti wkoll is-settur tas-sigurtà interna, iżda kompli wkoll b'linji ta' ħidma identifikati preċedentement bħall-faċilitazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-EMPACT u l-kooperazzjoni operattiva taħt l-awspiċċi tiegħu.

Il-COSI ser ikompli jkollu rwol importanti fir-risponsi meħtieġa, u fl-iżvilupp tagħhom, għall-isfidi fi ħdan is-sigurtà interna tal-UE fir-rigward ta' għadd kbir ta' suġġetti li ser jaqgħu taħt it-Triju ta' Presidenzi li jmiss (Franza, ir-Repubblika Ċeka u l-Iżvezja).

ANNEX I- ABBREVJAZZJONIJIET

- IA: Intelliġenza Artifiċjali
- AIA: Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali
- AML: Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus
- CFT: Ġlieda kontra l-Finanzjament tat-Terroriżmu
- CHSGs: Għanijiet Strateġiċi Orizzontali Komuni
- CIVCOM: Kumitat għall-Aspetti Ċivili tal-Maniġġar ta' Kriżijiet
- COSI: Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna
- COSI SG: Grupp ta' Appoġġ tal-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna
- PSDK: Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni
- CT: Ġlieda kontra t-terroriżmu
- SEAE: Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna
- EMPACT: Pjattaforma multidixxiplinari Ewropea kontra t-theddid kriminali
- EMSC: Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti
- ENISA: Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà
- EU CTC: Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu
- EU SOCTA: Valutazzjoni mill-Unjoni Ewropea tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata
- FTFs: Ġellieda Terroristi Barranin
- G-MASP: Pjan Strateġiku Pluriennali Ġenerali
- HVGs: Għotjiet ta' Valur Għoli
- HVTs: Miri ta' Valur Għoli
- IP: Proprjeta' Intellettuali
- ISF: Fond għas-Sigurtà Interna
- JADs: Jiem ta' Azzjoni Konġunta
- Kunsill ĠAI: Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni
- LEA: Awtoritajiet tal-Infurzar tal-Liġi
- LEWP: Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi
- LVGs: Għotjiet ta' Valur Baxx

- MASPs: Pjanijiet Strateġiċi Pluriennali Ġenerali
- MTIC: Frodi Intra-Komunitarja b'Negozjant Nieqes
- NECs: Koordinaturi Nazzjonali tal-EMPACT
- NPS: Sustanzi Psikoattivi Ġodda
- OAPs: Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali
- KO: Kriminalità Organizzata
- OCGs: Gruppi tal-Kriminalità Organizzata
- PAD: Dokument Konsultattiv dwar il-Politika
- KPS: Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
- SIS: Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen



Council of the
European Union



GENERAL FACTSHEET — OPERATIONAL ACTION PLANS (OAPS) 2020 Results



2737
INTERNATIONAL
INVESTIGATIONS/
OPERATIONS SUPPORTED



7487
ARRESTS



DRUGS – NEW PSYCHOACTIVE SUBSTANCES/SYNTHETIC DRUGS

107 arrests

Seizures: **12 tonnes** of drugs (MDMA, methamphetamine, amphetamine, cocaine, cannabis); **€60 000** of assets seized

OPERATIONAL HIGHLIGHT: Operational Task Force (OTF) Troika

11 640 kg of drugs worth more than **€358 million** seized, **3 Joint Investigation Teams (JITs)** set up, **Major drug transport operations** discovered, **Criminal groups** disrupted, **Numerous High-Value Targets (HVTs)** placed under investigation, **Drug concealment trends** identified



DRUGS - CANNABIS, COCAINE AND HEROIN

2 048 arrests

Seizures: **11 tonnes** of cocaine; **8.4 tonnes** of cannabis; **€200 million** seized; **12 300** tablets of MDMA; heroin seizures

Other: Equipment for production of drugs, firearms
3 labs for illegal cultivation of marijuana dismantled

OPERATIONAL HIGHLIGHT: Operation EMMA/26 LEMONT

21 HVTs arrested; **1 500** new investigations; **Significant seizures** of cocaine, heroin, amphetamine, weapons and explosives, etc.; Detection of **containers used as torture chambers**; **Homicides** resolved and prevented; **Corruption cases** detected and prevented; **€139 million** seized



CYBERCRIME – NON-CASH PAYMENT FRAUD

1 567 international investigations/operations supported
477 arrests/detentions; **5 013** fraudulent transactions reported in the framework of Operation EMMA; **90 000** pieces of compromised card data contributed by the private industry in the framework of the carding action week analysed; **6 809** money mules, **227** herders (money mule recruiters) and **7 088** victims identified; Estimated lost prevented: **€73.5 million**

OPERATIONAL HIGHLIGHT: Operation EMMA

1 529 criminal investigations initiated; Participation of more than **500** banks and financial institutions; **5 013** fraudulent money mule transactions identified; Total loss prevented estimated at **€33.5 million**; **6 809** money mules identified, alongside **227** money mule recruiters; **455** individuals were arrested worldwide



CYBERCRIME – CHILD SEXUAL ABUSE AND CHILD SEXUAL EXPLOITATION

37 arrests; **29** seizures; **184** victims identified; **218** VIDTF (Victim Identification Task Force) created; **3 513** Intelligence packages distributed

Prevention: Booklet intended for **11** and **12**-year-old children presented in organised prevention sessions in schools to approximately **12 000** children. Active participation in the ICANN, RIPE and other initiatives promoted by the private sector and NGOs.

Financial investigations in the framework of SG 6:

Operations targeting livestream abuse of minors, coordinated by the Romanian police, in cooperation with Western Union, MoneyGram and PayPal; Intelligence on **387** suspects collected; **10** suspects arrested; **33** children were safeguarded.

General Factsheet — Operational Action Plans (OAPS) — 2020 Results | EN | 1



CYBERCRIME – ATTACKS TO INFORMATION SYSTEMS

45 arrests

8 international investigations/ operations supported

A **splash page** prepared by Europol was put up online after the domain seizures

Infrastructure on several **Remote Access Tools (RATs)** identified and **HVT/developer** identified. **40 000** victims' data recovered, and **16** proxy servers identified
Seizures: **50** servers; **3** domains from bulletproof VPN provider; **€100 000** in cryptocurrencies; Bitcoin mining equipment

Takedowns: **2** illegal backend platforms; Infrastructure in Romania, Norway, US, Germany, Netherlands, Switzerland; **1** illegal bulletproof VPN service involving **3** different domains



DOCUMENT FRAUD

18 international investigations/operations supported
38 arrests; **4** print shops dismantled; Seizures: **3 019** fraudulent documents, **1 150** blank plastic supports for ID cards and driving licences; **€21 400**; **7** Organised Crime Groups (OCGs) disrupted

OPERATIONAL HIGHLIGHT: Operation Massilia (Facilitation of Illegal Immigration - FI)

A **print shop** producing counterfeit documents was dismantled; **3** individuals suspected of forgery of documents arrested; **Technical equipment**, **1 150** blank plastic supports for ID cards and driving licenses, holographic bands, **16** counterfeit ID cards (Belgian, Spanish and Italian), ID photos of customers and forged breeder documents were seized



FACILITATED ILLEGAL IMMIGRATION

2 280 arrests

14 OCGs dismantled, **27** identified; **1** HVTs and **87** suspects identified; **2 350** document fraud cases reported, including **52** visa fraud cases and **548** ID misuse

Seizures: **1** thermal printer, **2** laminators, **1 150** blank supports for ID cards and driving licences, holographic bands, **16** counterfeit ID cards; **381** vehicles/ **1 253** vehicle parts; **2** yachts, **1** boat, **2** outboard motors; **52** firearms; **1.8 tonnes** of marihuana; **10.33 kg** of heroine; **2 128** psychoactive tablets; **20 350** undeclared surgical masks; Cash seizures value: **€693 900**

OPERATIONAL HIGHLIGHT: Operation Fortunate

1 OCG dismantled; **6** members arrested; **23** irregular migrants intercepted; **1** yacht, cell phones, storage devices and relevant documents stipulating money transactions were seized



TRAFFICKING IN HUMAN BEINGS (THB)

744 arrests

1 025 new cases initiated; **5 956** Suspects identified; **5 030** Victims (**266** minors) identified; **744** OCGs related to THB have been reported by member states.

OPERATIONAL HIGHLIGHT: Operation Cumbia

8 suspects arrested; **15** potential victims saved; **3** apartments seized; **€120 000** seized



ENVIRONMENTAL CRIME

440 arrests

500 suspect investigated

Seizures/ Assets seized: **32 kg** of glass eels, **45** nets and fishing gear; **807** seizures of illegal timber (**8 613m3**); **132** warehouses/illicit waste dumping facilities and **167 452** tons of waste; **20** birds; **700** dried butterflies, **7kg** of gold, **77.5kg** of mercury worth **€250 000**, **355** reptiles worth **€800 000**, **237 million** Colombian pesos worth **€90,000**; **639** ivory items; **92** tons of WEEE (waste from electric and electronic equipment); total value **€93,725,294**; **€40 million** total value of the company facilities seized (warehouses, depots, vehicles, etc.)
Tax evasion prevented: **€31 376 452**



CRIMINAL FINANCES, MONEY LAUNDERING AND ASSET RECOVERY

40 arrests

538 Contributions on cash seizures, suspicious cash declarations, suspicious transactions reports and money mule cases

Seizures/assets recovered: **€19 829 888** in cash;

118 bitcoins, **4** properties, gold and silver coins worth a total of **€5.5 million**

€2.1 million worth of seizures including: **14** frozen bank accounts, **5** properties, **2** commercial companies' assets, **15** vehicles, weapons, multiple bank accounts and electronic items

OPERATIONAL HIGHLIGHT: Operation Pulse

8 cards used in the Netherlands to take out illicitly obtained money from regular ATMs; A group of just **3** young men used more than **1 000** false IDs to get accounts on many online gambling sites for bonuses for new players; **1** arrest; Real estate valued at **several million euros** confiscated by the public prosecutor's office pending future judicial proceedings



MTIC FRAUD

50 arrests
20 OCGs identified and **11** OCGs investigated;
259 suspects identified and **110** suspects investigated;
€28 million of tax evasion prevented; **€8 million** worth of assets seized

OPERATIONAL HIGHLIGHT: central Europe action
39 arrests; **110** suspects investigated; **6** OCGs investigated; **1** JIT; **92** searches; **€7 million** worth of assets seized; **€24 million** of tax evasion prevented



EXCISE FRAUD

487 arrests
111 international investigations/ operations supported
Tax evasion prevented: **€245 356 711**
Seizures: **477 274 656** cigarettes; **1.47 million** kg of tobacco (raw tobacco, fine cut tobacco, water-pipe tobacco); **2.31 million** kg of designer fuel; **30** pallets and **31 690** litres of alcoholic beverages; **1 108 kg** of snus; **€662 834** in cash
Assets seized: **465** vehicles (trucks, trailers, cars, vans); **57** forklifts; **1** ISO tanker and different types of containers (tank, IBC, maritime); smartphones, computers, tablets, camera system with data storage devices; machinery and equipment for illicit production of tobacco products (**138** production lines; **30** packaging lines; **138** cutting machines; **32** generators and precursors).

OPERATIONAL HIGHLIGHT: Operation Chain Bridge V (Designer Fuel Fraud)
39 arrests; Seizure of **2.3 million** kg of designer fuel, **9 750 kg** of fine cut tobacco, **14 400 kg** tobacco leaves, and **2 075** litres of alcoholic beverages; Revenue loss prevented: **€11 million**



ORGANISED PROPERTY CRIME

540 arrests
53 mobile organised crime groups dismantled
8 Joint arrests operations
Seizures: **3** hotels and **90** properties; **+35 000** cultural goods; **517** vehicles + **1 361** stolen vehicle parts; **30 kg** of gold; **110 kg** of silver; **1.5 million** cigarettes; **1 tonne** of tobacco; **6 tonnes** of copper; **12** boat engines; **+120** ancient books; **+50** luxury bicycles; **1 800 kg** marijuana; **10 kg** heroin; **141** forged documents; **26** weapons; Perfumes, cosmetics, tools, jewels, beer barrels, car key encoding case, GPS tracking devices, GPS jammers, etc.
Assets seized: **€58 510 691** (including **€2 297 291** and **\$200 000** in cash)



FIREARMS

154 arrests
Seizures: **2 732** weapons; **2 435** Firearms; **45** converted and rebranded gas/alarm weapons; **10 528** rounds of ammunition; **164** pyrotechnic devices; **117 Kg** of drugs; **1** vehicle

OPERATIONAL HIGHLIGHT: Operation Bosphorus
11 suspects arrested;
Seizure of **191** firearms, **3 714** rounds of ammunition; small quantities of drugs including cannabis and cocaine; unstamped cigarette packs; **1** vehicle, false ID documents and **164** pyrotechnic devices.
Prior to the action days, all participating countries

Further reading

<https://www.consilium.europa.eu/en/policies/eu-fight-against-crime/>

© European Union, 2021
Reuse is authorised provided the source is acknowledged.
CS_2021_259